

# il-hajja ta' kristu gesu'

## KRISTU JQUM MILL-MEWT

Billi kien sar filghaxija u kien fil-qrib hafna li tibda' il-festa ta' l-Ghid, dilku lil Gesu' bil-fwejjah, gezwruh f'lizar u difnuh f'qabar li fih hadd kien ghadu ma ndifen.



Il-kapijiet tal-Lhud poggew xi suldati ghassa mal-qabar ghax dahlilhom hsieb li billi Gesu' kien jghid li wara tlett ijiem iqum mill-mewt, ikun hemm xi hadd li jisraq il-gisem ta' Kristu u jghid li qam mill-imwiet.

Gesu' kien ilu tlett ijiem midfun u biex inkunu precizi, dawn kienu, bicca mill-Gimgha, is-Sibt kollu u bicca mill-Hadd. Il-Hadd filghodu kmieni kien hemm terremot u nizel l-anglu tal-Mulej u qaleb il-blata li kienet quddiem il-qabar. Gesu' hareg rebbieh fuq il-mewt kif kien jghid matul hajtu.

Xi nisa twajba marru hdejn il-qabar u raw il-blata miftuha. Ittawlu u l-anglu tal-Mulej qalilhom, "Ghaliex qeghdin tfittxu il-hajjin qalb il-mejtin. Gesu' qam kif qal. Ma ghadux hawn." Gesu' ried juri lilu nnifsu lin-nies biex dawn jemmnu li hu tassew qam mill-imwiet. Bla dubju ta' xejn, ghalkemm ma hemm xejn imnizzel fil-Vangelu, pero' zgur li l-ewwel



dehra tieghu kienet lil Ommu Marija li mieghu batiet, issa mieghu ser tifrah. Imbaghad deher lil Marija Madalena. Din marret hdejn il-qabar tikbi ghaliex il-qabar kien miftuh u Gesu' ma kienx hemm. Ir-ragel li kien fil-gnien hasbitu l-gennien u qaltu: "Sinjur ghidli fejn qeghdtu halli jiena immur niehdu." U l-gennien qalilha: "Miriam". Gharfet il-vuci ta' Gesu'. Ratu haj bil-Gisem u d-Divinita' Tieghu kollha. Hija marret tigri tghid bl-ahbar lill-appostli.

Pietru u Gwanni ma' l-ahbar marru jigru jaraw dak li qaltilhom Marija u huma sabu l-qabar vojt.



Il-Hadd filghaxija Gesu' deher lil appostli biex jurihom li hu kien qam tassew mill-mewt. Ferhu l-appostli li issa ma kienx baqghalhom dubju mill-kliem ta' Kristu li l-Kapijiet tal-Lhud kienu sallbuh, izda Hu fit-tielet jum qam mill-imwiet. Meta gie Tumas aktar tard, l-appostli qalulu bid-dehra ta' Gesu' izda hu ma riedx jemminhom. "Jekk ma narax l-imkien ta' l-imsiemer u npoggi idi fil-kustat ma nemminx."

Tmint ijiem wara Gesu' rega' dehrilhom u din id-darba kien hemm Tumas l-appostlu u Gesu' stiednu iqieghed idejh fil-pjagi tieghu. Tumas nizel gharkubtejh u qallu : "Mulej tieghi u Alla tieghi."

U Gesu' wiegbu: "Imberkin dawk li ma jarawx u jemmnu."

RIFLESSJONI:

Ftakar li Gesu' dejjem izomm kelmtu ghax hu jghid il-Verita'. Mela bhala habib kbir tieghek hu qatt ma ser jittradik. Hu jkun mieghek f'dak kollu li tehtieg. Afda fih b'fidi kbira u ma jiddispjacik qatt.